Ħidmitna
SUPPLIMENT SPEĊJALI Mosta

# Tlesta x-xogħol infrastrutturali fuq iż-Żoni Industrijali tal-Mosta, biex intom il-konsumaturi tkunu tistgħu tinqdew aħjar

### Fiż-żoni Industrijali ta' 'Targa Gap' u 'Tas-Sriedak' biss, insibu 'l fuq minn mitt negozju

Il-Gvern b'determinazzjoni lest li jibqa' jsostni lis-settur tan-negozji żgħar f'pajjiżna. Qed jieħu inizjattivi f'waqthom sabiex, barra li jiggarantixxi l-impjiegi tal-ħaddiema, fl-istess ħin ikun qed itejjeb l-ambjent ta' fejn dawn l-istess negozji jinsabu, b'mod li l-konsumaturi jkun jista' jkollhom aċċessibilità aħjar għalihom, u b'hekk jiżdied il-kummerċ f'żoni industrijali bħal dawn.

Il-Gvern ser jibqa' joffri lilu nnifsu disponibbli sabiex b'kull mezz jgħin u jippromwovi bl-aħjar mod possibbli negozji f'żoni industrijali. Is-Segretarjat għan-Negozji Żgħar u s-*Self Employed* jemmen li dawn iż-żoni industrijali għandom ikunu l-"*smart city*" ta' kull lokalità. 'Irridu indawwru dawn iż-żoni f'"*5 star business location*" tenn jgħid is-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo. Fihom il-konsumatur illum jista' jsib għażla varjata ta' servizzi. Sidien ta' negozji qegħdin joffru lill-istess konsumaturi prodotti u servizzi ta' kwalità. Bħalissa għaddejja ħidma intensiva mill-istess Segretarjat sabiex intejjbu l-*marketing* ta' negozji li jinsabu f'żoni simili bħal din ta' Targa Gap, u b'diversi mezzi, fosthom b'dan il-fuljett, qed ninkoraggixxu li aktar konsumaturi jżuruhom u jinqdew mingħandhom.

Għalhekk, ma' dan is-suppliment speċjali ta' Ħidmitna, qed jiġi mqassam direttorju, li fih hemm lista ta' negozji li nsibu fiż-żona industrijali ta' Targa Gap, sabiex b'hekk nagħmluha aktar faċli għalikom konsumaturi li tkunu tafu x'tistgħu ssibu f'din iż-żona.

Mill-proġett ta' bini ta' toroq ġodda gawdew is-sidien tan-negozji u ser tgawdu intom wkoll. Intant fil-jiem li għaddew ġie ffinalizzat ix-xogħol fuq il-bini ta' 13-il triq ġdida ġewwa ż-żona industrijali tal-Mosta, biex b'hekk nistgħu ngħidu li ġie fi tmiemu proġett ambizzjuz tal-Gvern ta' diversi xogħolijiet infrastrutturali f'erba' żoni industrijali.

L-inizjattiva tal-Gvern kienet f'waqtha, u r-responsabiltà sabiex seta jsir dan il-proġett kienet kollha kemm hi f'idejn is-Segretarjat Parlamentari għan-Negozji Żgħar u s-*Self Employed.*

### Aktar minn tlett miljun Lira Matin (LM 3,000 000) biex jiġu iggarantiti mat-tlett elef impjieg.

Ix-xogħol kollu li sar tul dawn l-aħħar xhur issa qed iħalli r-riżultati, u filwaqt li l-istess sidien ta' negozju ta' dawn iż-żoni qed ikunu kapaċi jaħdmu b'aktar kumdità, saret ukoll ħafna aktar faċli li l-konsumaturi jkunu jistgħu jżuru din iż-żona Industrijali.

B'kollox ser ikunu ġew investiti mat-tlett miljun Lira Maltin, (LM3,000,000) u dawn sabiex direttament jew indirettament jiggarantixxu l-impjieg ta' xejn inqas minn tlett elef ħaddiem, mifruxa fiż-żoni industrijali tal-Ħandaq, l-Mrieħel, Ħaż-Żebbuġ u l-Mosta.

Iż-Żona Industrijali Ta' Targa Gap, fil-Mosta, issa hi aktar organizzata, b'vantaġġi għall-istess sidien ta' negozji, kif ukoll għall-konsumaturi li jkollhom bżonn jinqdew minn dawn in-negozji.

Fiż-żona ta' Targa Gap fil-Mosta barra li nbniet *electrical sub-station* ġdida, pompa tad-dranaġġ f'tarf triq Arthur Borton, sar xogħol fuq 13,600 metru kwadru ta' tarmak, 3,000 metru ta' bankini ġodda, 2,000 metru ta' service culverts u 500 metru ta' tqegħid ta' katusi tad-dranaġġ, twaħħlu wkoll diversi sinjali ġodda tat-traffiku, u tjiebet l-organizzazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-parkeġġ ta' vetturi.

Id-dehra l-ġdida li ngħatat din iż-żona, wieħed jista' jaraha b'għajnejh u llum, kemm jekk resident mil-Mosta kif ukoll jekk minn xi lokalità oħra, wieħed jieħu gost iżur u jinqeda mingħand dawn in-negozji b'faċilità u aċċessibiltà komda għal kulħadd u kulħadd qed jinqeda aħjar b'aktar kumdità.



*Is-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo, is-Sindku tal-Kunsill Lokali Mosta s-Sur Joe DeMartino u s-Sur Paul Abela, President tal-GRTU waqt Konferenza ta' l-Aħbarijiet fil-Mosta*



*Triq il-Kappar waqt li kien għaddej ix-xogħol infrastrutturali*







1 Għall-ewwel darba, f'diversi toroq, ġiet introdotta s-sistema ta' service culverts minn fejn ġew mgħoddija s-servizzi tad-dawl, l-ilma u t-telefon minn taħt l-art





14 Tneħħew diversi karozzi li kienu ġew milquta f'numru ta' toroq



13 Għalmu s-... taż-żona k... ... diversi ...






2 Ġiet ikkoordinata ħidma bejn is-sidien ta' l-artijiet u l-ADT sabiex intlaħaq l-arranġament meħtieġ sabiex setgħet titwessa' t-triq, u jkun hemm ċirkolazzjoni aħjar għat-traffiku taż-żona



Wara li ngħata wiċċ ġdid ta' tarmak, inżebgħu s-sinjali tat-traffiku sabiex ġiet organizzata aħjar is-sistema ta' parkeġġ ta' vetturi



3 B'koordinament sħiħ mal-istess sidien tan-negozji, ġew mibnija mill-ġdid mat-2 kilometri ta' bankini ġodda



4 Il-kostruzzjoni ta' Triq Arthur Borton ġie li tlesta progett ta' Lm370,000 li fost ix-xogħolijiet li saru, iġġor li wieħed jista' jinnota l-13,600 metru kwadru ta' tarmak li ngħata lil 13-il triq taż-żona industrijali




5 Twaħħlu t-tabel... taċ-ċeramika bl-isem... tat-toroq kull fejn ... għadhom ma twaħ...

B'spiża ta' Lm20,000 ... inbniet pompa tad-drenaġġ ġdida, u bit-tqegħid ta' ... 580 metru ta' katusi tad-dr... ħafna mis-sidien li kienu għ... bis-sistema ta' focos setgħ... issa ikkomunikati mas-sistema ...

**biex inżom...**



...n sar fit-toroq
...a kollha, fi Triq
...nżebgħu u twaħħlu
...njali tat-traffiku



12
B'investiment ta' 'l fuq minn Lm35,000 inbniet electrical substation ġdida fi Triq il-Fortizza




11
Madwar iż-żona kollha, b'kollox tqiegħdu 4 tabelli kbar indikattivi li juru d-direzzjoni li wieħed għandu jieħu sabiex jasal għaż-żona industrijali



10
Wara li tnaddfet parti minn Wied il-Għasel, ġie mibni fence li jipproteġi lill-istess żona milli terġa' ssir miżbla illegali, minn nies irresponsabbli




**Żona Industrijali (Tarġa Gap) Limiti tal-Mosta**



9
Bit-twaħħil ta' tabelli ġodda, ġew indikati dawk it-toroq kollha li huma cul-de-sac





8
Tnaddfu diversi żoni li sfortunatament kienu qed jiġu żviluppati f'miżbliet illegali, u ġew ukoll mibnija ħitan

...beli
...timijiet
...n kienu
...akkluż



7
Sar xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sistema ta' dawl fit-toroq, u f'xi każi anke ġew mibdula kompletament il-lampi li għal żmien twil ma kienux jixegħlu



6
...000
...anaġġ
...ta'
...dranaġġ,
...għadhom
...għu lkoll
...ma l-ġdida



## Irridu nagħmlu minn dawn iż-Żoni Industrijali '5 Star Industrial Locations'

- Is-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo

## "Ħidma fuq manutenzjoni kontinwa ...ommu Żona Industrijali ta' l-għola kwalità"

# Ix-Xogħol lest...

## Ritratti li jitkellmu waħedhom







Triq Arthur Borton


Triq il-Fortizza


Triq iż-Żnuber
Triq il-Kappar
Triq Filippo Apap Bologna
Triq il-Ħaddiedin



Triq in-Naġġar


Triq il-Ballut